**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 483/2019 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**JZ**

**Vs**

**CZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' **JZ** datat 23 ta' Ottubru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti iżżewwġet fl-10 ta' Diċembru tas-sena 1988 u minn dan iż-żwieġ kellhom 3 itfal, I li twieled f'X, C li twieldet f'Y u K li twieldet f'Z u għalhekk huma maġġorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn għoxrin ( 20 ) sena;*

*Illi permezz ta' kuntratt in atti Dr Carmel Gafa datat 4 ta' April 1994, il-partijiet irregolaw is-separazzjoni personali tagħhom ( DOK A )*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li minħabba li ilhom separati minn xulxin għal aktar minn għoxrin sena, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.*

*Illi għalhekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66 B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-liġi.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-10 ta' Diċembru tas-sena 1988 jiġi maħlul u iddikjarat bħala xolt;*

*Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan il-ħall taż-żwieġ jiġi debitament reġistrat skont il-liġi u*

*Tagħti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**CZ** xehed (vide affidavit a fol 16 ) illi huwa iżżewweġ lil martu **JZ** fl-10 ta' Diċembru 1988 u li minn dan iż-żwieġ kellhom tliet itfal, illum kollha maġgorenni. Illi l-partijiet isseparaw fl-4 ta' April 1994 u li ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Xehed ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**JZ** xehdet (vide l-affidavit a fol 17 ) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed żewġha **CZ.**

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju***

***jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il- 10 ta' Diċembru 1988 ( fol 6) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tliet itfal kollha maġġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa, datat 4 ta' April 1994 (vide Dok. A, fol 3 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal ferm aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta'

rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi **JZ** irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**